# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 35**

**Rikors numru 83/20/1 AF**

**Dorianne Pawney**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi minn sentenza mogħtija nhar it-12 ta' Ottubru 2023, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), filwaqt illi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati, limitatament laqgħet l-ewwel talba tal-attriċi u ddikjarat illi r-rikorrenti ġarrbet leżjoni tad-drittijiet tagħha hekk kif imħarsa *ai termini* tal-

Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni u *ai termini* tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni. B'żieda l-Ewwel Qorti llikwidat kumpens fl-ammont ta' tletin elf ewro (EUR 30,000) u ordnat illi tali kumpens għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat lill-attriċi.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Mill-atti jirriżulta illi l-attriċi ltaqgħet ma' Raymond Caruana fis-sena 2009, fejn kienu bdew relazzjoni intima duratura, u minn din ir-relazzjoni kellhom żewġt itfal;

3. Mat-trapass taż-żmien jirriżulta illi r-relazzjoni tal-appellata ma' Caruana ħadet xejra vjolenti għall-aħħar, fejn l-appellata kienet persegwitata, segwita, u mhedda b'mod sistematiku mill-imsemmi Caruana. Fil-fatt mill-atti jirriżulta illi l-appellata flimkien ma' wliedha, għamlu perjodu estensiv jirrisjedu f'*shelter*.

4. Minkejja dan kollu, Caruana kien dejjem jirnexxilu jżiegħel bl-appellata, u din kienet terġa' taċċettah lura.

5. Mill-provi in atti jidher ukoll illi l-appellata kienet vittma ta' vjolenza fiżika u possibbilment anke sesswali, u jirriżulta wkoll illi wlied l-appellata minn relazzjoni precedenti wkoll sfaw vittmi ta' vjolenza fiżika da parti ta' Caruana;

6. Mit-testimojanzi in atti, jidher illi l-appellata kienet ilha assistita mill-Aġenżija tal-Appoġġ minn Diċembru tas-sena 2014.

7. L-appellata kienet għamlet sensiela ta' rapporti mal-Pulizija Eżekkuttiva, tant illi kif tirrileva hija stess *ex admissis*, *ormai* tilfet il-kont ta' kemm ir-rapport intavolat kontra Caruana.

8. Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 29 ta' Lulju 2019, preseduta mill-Maġistrat J. Demicoli, ġie ordnat Ordni ta' Trażżin *ai termini* tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali favur l-appellata u wliedha (*vide* kopja tal-ordni a fol 41 *et seq*.) u dan wara ammissjoni da parti ta' Caruana, fejn instab ħati li beżża' u hedded lir-rikorrenti u lil uliedha li kienet sejra tintuża l-vjolenza fuq il-persuna tagħhom u ġie mqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' sentejn.

9. Minkejja l-Ordni għat-Trazzin kif maħruġa fid-29 ta' Lulju 2019, l-aggressur ippersista bl-aġir tiegħu u kompla jbeżża' u jhedded lir-

rikorrenti u lil uliedha tant illi kien hemm żmien fejn din ġiet kostretta tidħol f'*shelter* waqt illi fi żminijiet oħra ssakkret ġewwa darha għaliex bdiet tinkwieta għall-avukata tagħha *stante* li Caruana beda jhedded li se jweġġagħha;

10. Wara sensiela ta' rapporti magħmula f'Mejju tas-sena 2020, Caruana ġie arrestat nhar it-18 ta' Mejju 2020 u kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat N Galea Sciberras fl-20 ta' Mejju 2020. Fl-istess seduta l-Qorti ordnat li tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat u favur tal-appellata bil-kondizzjoni li tali ordni tibqa' fis-seħħ sat-tmiem tal-proċeduri;

11. Mill-atti jidher illi Caruana ngħata l-libertà provviżorja wara li għamel xi perjodu ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin;

12. Għad hemm numru ta' kawżi pendenti fil-konfront ta' Caruana, fosthom proċeduri fejn jinsab akkużat illi kkaġuna ġrieħi ta' natura serja fuq il-persuna tal-partner kurrenti tal-appellata.

13. Jirriżulta wkoll illi pendenti dawn il-proċeduri r-rikorrenti għamlet rapport ieħor fid-29 ta' Mejju 2022 dwar theddid u inġurja fil-konfront tagħha wara li din irrifjutat li tagħtih aċċess għal binthom minuri. Mhux

magħruf x'passi ttieħdu in segwitu għal dan ir-rapport. Il-Qorti tosserva li in segwitu għal dan ir-rapport reġa' sar *risk assessment* bis-sitwazzjoni terġa' għal darb'oħra tiġi kkunsidrata bħala waħda *high risk*.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

14. Permezz ta' rikors intavolat nhar it-18 ta' Mejju 2020 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-appellanta talbet dikjarazzjoni illi n-nuqqas ta' azzjoni immedjata u effettiva da parti tal-intimat, jew min minnhom, tammonta għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha taħt l-Artikoli 36, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikoli 3,8,13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ulterjorment, l-appellanta talbet lill-Ewwel Qorti tagħti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tagħha jiġu salvagwardjati u tikkundanna lill-intimati jwettqu tali rimedji fi żmien qasir u perentorju u li jiġi likwidat kumpens *in linea* ta' danni non-pekunjarji sofferti minnha b'konsegwenza ta' din il-leżjoni.

15. Permezz ta' risposta konġunta datata 22 ta' Mejju 2020, l-intimati l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija, fuq bażi preliminari eċċepew in-nuqqas t'integrità tal-ġudizzju b'dana illi l-preżenza ta' Raymond Caruana fil-proċeduri hija meħtieġa ġjaladarba r-rikorrenti għamlet

sensiela ta' allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, u anke fid-dawl tat-tieni talba tal-appellanta, jekk kemm-il darba jiġi ordnat li l-intimat jagħtu rimedju li jista' jolqot lill-imsemmi Raymond Caruana. Illi fil-mertu, l-appellati ċaħdu illi huma kisru xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, u b'mod partikolari ċaħdu bil-qawwa illi huma ssottoponew lir-rikorrenti għal xi trattament inuman jew degredanti. Jargumentaw illli lanqas ma jista' jingħad illi fil-każ tar-rikorrenti, huma naqsu mill-obbligi pożittivi tagħhom, b'dana illi kull ilment da parti tar-rikorrenti ġie meqjus b'mod serju u b'reqqa mill-Pulizija u dana skont id-dettami tal-liġi.

16. B'sentenza datata 12 ta' Ottubru 2023, l-Ewwel Qorti, filwaqt illi: ċaħdet l-eċċezzjonijiet kif dedotti, limitatament laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti u ddikjarat illi r-rikorrenti ġarrbet leżjoni tad-drittijiet tagħha kif imħarsa *ai termini* tal-Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll *ai termini* tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-Ewwel Qorti laqgħet ukoll it-tielet talba tar-rikorrenti u filwaqt illi llikwidat kumpens fl-ammont ta' €30,000 ikkundannat illi l-imsemmi kumpens għandu jitħallas mir-rikorrenti mill-Avukat tal-Istat. Ulterjorment, l-Ewwel Qorti ordnat illi l-ispejjeż tal-proċeduri għandhom jitħallsu interament mill-Avukat tal-Istat.

**Ċ. L-Appell:**

17. L-intimati ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni u intavolaw appell nhar il-1 ta' Novembru 2023 u talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn ma nstabx ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 13 u 14 tal-Konvenzjoni; u tħassar u tirrevoka l-kumplament tad-deċiżjoni fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

18. Dorianne Pawney wieġbet għall-appell tal-intimati permezz ta' risposta datata 17 ta' Novembru 2023 u affermat illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda ġusta u timmerita illi tiġi konfermata fl-intier tagħha. Targumenta *inter alia* illi huwa diżappuntanti kif l-appellanti minflok ma għarfu u rrikonoxxew in-nuqqasijiet tagħhom, qiegħdin iwaħħlu fiha għal dawn l-istess nuqqasijiet, meta mill-provi huwa ċar illi wara li nħarġet l-Ordni tat-Trażżin, il-pulizija u l-entitajiet kkonċeranti m'għamlu kważi xejn sabiex jipproteġu lir-rikorrenti u l-familjari tagħha. L-appellata ma tinnegax illi hi rċeviet għajnuna minn diversi entitajiet u professjonisti u fil-fatt din il-kawża tinsab diretta lejn il-Kummissarju tal-Pulizija, li naqset milli tieħu azzjoni immedjata u adegwata għall-protezzjoni tagħha u wliedha,

nuqqas li jippermetti lill-aggressur ikompli jikser l-ordnijiet tal-Qrati u jikkaġuna aktar ħsara psikoloġika.

19. L-appellanti jibbażaw l-appell tagħhom fuq żewġ (2) aggravji.

*L-Ewwel Aggravju:*

20. Permezz ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ffukat biss fuq parti żgħira tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellanti intitolata *volenti non fit injuria* u skartat il-kumplament tan-nota li kienet turi biċ-ċar il-ħidma tal-Pulizija u tal-Qorti fir-rigward tal-każ tal-appellata u li wassalha sabiex sabet ksur tal-Artikoli 36 u 44 tal-Kosititutzzjoni u tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni. Jargumentaw illi minkejja li r-relazzjoni tal-appellata ma' Caruana kienet waħda illi sa mill-bidu nett kien hemm sinjali ċari ta' vjolenza, l-appellata mhux talli baqgħet miegħu iżda talli nqabdet tqila minnu għal darba, tnejn, tlieta u kienet terġa' taċċettah kull darba; fatti illi l-Ewwel Qorti ma qisitx fid-deliberazzjoni tagħha, anzi skużat lill-appellata fis-sens illi l-Ewwel Qorti tenniet illi dawn it-tip ta' relazzjonijiet huma tali illi l-vittma tispiċċa tiddependi fuq l-aggressur tagħha. L-appellanti però jsostnu illi minkejja din id-dipendenza riskontrata mill-Ewwel Qorti, l-appellata eventwalment, daħlet ukoll f'relazzjoni ma' ħaddieħor.

21. L-intimati jargumentaw illi l-Istat m'għandux jerfa' r-responsabbilità tal-għażliet ħżiena tal-appellata meta l-Pulizija Eżekuttiva dejjem għamlu dak kollu possibbli biex ma tiġri l-ebda ħsara lir-rikorrenti u lil uliedha, b'dana illi l-Ewwel Qorti ma messhiex sabet illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt kontra trattament inuman u degredanti, u li l-appellata ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiċċaqlaq minn post għall-ieħor u mid-dritt għall-ħajja privata tagħha u tal-familja tagħha. Isostnu illi kienu d-deċiżjonijiet tal-attrici li ġabu fix-xejn ix-xogħol siewi tal-appellanti.

22. Da parti tagħha l-appellata in sinteżi tgħid illi hija kienet kostretta tiftaħ dawn il-proċeduri wara li hija ppruvat tiġbed l-attenzjoni tal-Pulizija għal diversi xhur sħaħ anke *tramite* l-avukat difensur tagħha, il-*probation officer* tal-aggressur tagħha, u l-professjonisti kollha li kienu qiegħdin isegwuha, sabiex titieħed azzjoni immedjata għal protezzjoni tagħha u dik tal-familjari tagħha billi jarrestaw lill-aggressur u jiġu evitati aktar trawmi fuqha u wliedha. Hija tinnega illi waqqgħet il-każ kontra Pace jew li ħafritlu u minkejja li fi stadju minnhom hija kkonfermat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati illi f'dak il-perjodu Pace ma kienx qiegħed idejjaqha, insistiet mal-Qorti illi għandha twissi lil Pace sabiex iħalliha kwieta u ma jerġax jheddida, jiffastidjaha jew isegwi l-passi tagħha. Tisħaq illi n-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Pulizija, ippermetta lill-aggressur tagħha ikompli jikser

l-ordnijiet tal-Qrati u jikkaġuna ħsara psikoloġika konsiderevoli lilha u lil uliedha, u kif ukoll anke theddid lil-avukat difensur tal-appellata.

23. Tafferma illi minn dan kollu jirriżulta b'mod pależi n-nuqqasijiet sistematiċi fis-sistema, u l-bżonn ta' taħriġ appożitu dwar il-vjolenza domestika, b'dana illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali prottetti bl-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni.

24. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Dan id-dewmien, partikolarment id-dewmien fl-infurzar tal-ordni ta' trazzin jikkonferma li l-Istat naqas serjament fl-obbligazzjoni tiegħu li jimplimenta miżuri ta' protezzjoni immedjata u effettiva sabiex iħares l-inkolumità u l-integrità tal-vittma u tal-familjari tagħha. Fil-fehma tal-Qorti jirriżulta wkoll nuqqas serju ħafna fir-rigward tat-tielet obbligazzjoni tal-istat u ċjoè li ssir investigazzjoni effettiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota b'dispjaċir dak illi xehed l-Ispettur Ransley meta qal li l-Korp tal-Pulizija qajla jirċievi taħriġ speċjalizzat fir-rigward ta' każijiet ta' vjolenza domestika. Dan huwa nuqqas serjissimu. Huwa xehed kif kien biss riċentement illi l-Pulizija ngħatat xi taħriġ f'dan il-qasam.*
>
> *omissis*
>
> *... f'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-animu ta-rrikorrenti meta din tgħid kif ħassitha meta marret tagħmel rapport u l-pulizija ħarġu jpejjpu barra flok illi tawha l-attenzjoni u l-għajnuna kollha li kienet teħtieġ. Tinnota wkoll il-fatt li r-rikorrenti tilfet il-fiduċja tagħha fl-istituzzjonijiet meta rat il-kunfidenzi li kellu l-aggressur mal-Pulizija li kienet mistennija mir-rikorrenti li tittratta mal-aggressur tagħha b'serjetà u saħansitra tarrestah!*
>
> *Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt il-Qorti qegħda ssib illi r-rikorrenti ġarrbet ksur tad-drittijiet tagħha kif imħarsa ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.*

> *omissis.*
>
> *F'dan il-każ l-integrità tar-rikorrenti kif imħarsa ai termini talArtikolu 8 u l-libertà tagħha kif imħarsa permezz tal-Artikolu 44 ġiet serjament kompromessa minħabba nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet ikkonċernati u finalment da parti tal-Istat li naqas milli jassigura mekkaniżmu effiċjenti fil-ġlieda kontra r-reat tal-vjolenza domestika. Minħabba dawn in-nuqqasijiet ir-rikorrenti kompliet issofri aktar episodji ta' vjolenza domestika li wasslu għal eżawriment, kif ukoll li tissakkar ġewwa darha mwerwra li jekk toħroġ ser issib lill-aggressur tagħha ma' wiċċha bir-riskji gravissimi li tali inkontru seta' jġib miegħu.*
>
> *omissis*
>
> *Dan ma sarx bil-konsegwenza li n-nuqqas t'azzjoni f'waqta' kompliet tesponi lir-rikorrenti u lillfamiljari tagħha għal aktar riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħha b'tant illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni hija waħda lampanti."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

25. L-Ewwel Aggravju tal-appellanti jindirizza tliet punti: (i) il-prinċipju *volenti non fit injuria*, (ii) l-allegat ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, (iii) l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u l-allegat ksur tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.

*(i) Volenti non fit injuria:*

26. Il-Qorti tirribadixxi illi l-vjolenza domestika hija waħda kumplessa, b'diversi sfaċċettaturi u li dan il-fenomenu qiegħed b'mod partikolari jaffetwa predominantement lin-nisa. Il-Qorti ma tistax ma tfaħħarx l-isforzi

li qiegħdin isiru fuq skala nazzjonali f'dan ir-rigward, però tagħraf illi dawn l-isforzi mhumiex biżżejjed.

27. Din il-Qorti tapprezza dak rilevat mill-appellanti, in kwantu li l-istat m'għandux ikun mgħobbi bil-konsegwenzi tal-għażliet infeliċi ta' ċittadin privat, u tikkonċedi illi fil-każ odjern, kien hemm sensiela ta' karatteristiċi fil-personalità ta' Caruana illi messhom servew ta' allarm. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Ewwel Qorti ma ġġustifikatx id-deċiżjoni tal-appellata illi terġa' tkompli r-relazzjoni ma' Caruana kull darba li nqalgħet problema, iżda għarfet iċ-ċiklu vizzjuż li l-appellata sabet ruħha maqbuda fih. Mhux kontestat illi l-istat ipprovda għajnuna *tramite* ħaddiema soċjali, *shelter*s, u saħansitra ġiet offruta residenza mill-Awtorità tad-Djar. Dak li qiegħda tattakka l-appellata, u fejn l-Ewwel Qorti qablet magħha, mhumiex nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' qafas leġislattiv, iżda n-nuqqasijiet fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-enfurzar ta' dawn ir-reati kommessi kontra l-persuna tagħha u dawk l-aktar qrib tagħha. Fil-fatt il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet illi:

> *"The Court reiterates that the issue of domestic violence, which can take various forms – ranging from physical assault to sexual, economic, emotional or verbal abuse – transcends the circumstances of an individual case. It is a general problem which affects, to a varying degree, all member States and which does not always surface since it often takes place within personal relationships or closed circuits and affects different family members, although women make up an overwhelming majority of victims.*[1]

[1] Ara *Opuz kontra it-Turkija* (2009) u Volodina kontra ir-Russja (2019).

> *The particular vulnerability of the victims of domestic violence and the need for active State involvement in their protection have been emphasised in a number of international instruments and the Court's case-law (Ara inter alia Opuz, cited above, §§ 72-86; Bevacqua and S. v. Bulgaria, no. 71127/01, §§ 64-65, 12 June 2008; and Hajduová v. Slovakia, no. 2660/03, § 46, 30 November 2010)."*

28. Fil-fatt kien biss reċentement illi l-komunità internazzjonali għarfet illi hemm obbligu pożittiv versu dawn l-vittmi ta' dan il-fenomenu u illi reati li qabel kienu konsidrati bħala reati minuri, "stalking", u fastidju, jimmeritaw illi jiġu indirizzati b'serjetà u viġilanza assoluta għaliex ħafna drabi, dawn possibbilment jeskalaw fi traġedji li setgħu b'aktar impenn da parti tal-awtoritajiet ikkonċernati jiġu evitati.

29. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti tal-proċess, u mill-affidavit tal-appellata setgħet faċilment tipperċepixxi l-biża', l-ansjetà, rassenjazzjoni (*powerlessness*) u d-disperazzjoni li ħakmu ħajjet l-appellata, sensazzjonijiet li kienu ilhom jipperduraw f'ħajjitha sa mis-sena 2010. Tagħraf ukoll għalfejn f'ċertu perjodi kien eħfef għall-appellata li terġa' tistabbilixxi relazzjoni mal-aggressur tagħha; għaliex hekk biss kien ikollha ftit ġimgħat ta' tregwa mill-persekuzzjoni soffokanti tiegħu. Bl-istess mod, din il-Qorti hija konsapevoli tal-azzjoni li ttieħdet mill-uffiċjali involuti u din ċertament illi mhix qiegħda tiġi *data per scontata,* però n-nuqqasijiet ravviżati mill-Ewwel Qorti huma lampanti, u prova ta' dan huma l-*emails* skambjati bejn l-uffiċjali kkonċernati u l-avukat difensur tal-appellata. Mill-*emails* esebiti jirriżulta illi l-avukat difensur kienet

ripetutament tistaqsi dwar x'azzjoni ttieħdet fil-konfront tal-aggressur, u anke xi żviluppi kien hemm. Din il-Qorti osservat ukoll illi l-uffiċjali involuti diversi drabi talbu lill-avukat difensur tagħmel kuntatt ma uffiċjal/i ieħor/oħra, jew tistenna illi l-imsemmi uffiċjal jirritorna lura għax-xogħol. Rat ukoll illi qabel ma' Caruana ġie arrestat fit-18 ta' Mejju 2020, kien hemm diffikultà sabiex l-imsemmi Caruana ġie rintraċċat mill-Pulizija.

30. Kif ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Claire Pisani v. Avukat Ġenerali et*** (Kost 27/03/2020)***:***

> *" Ir-ripetizzjoni ta' inċidenti simili għal xulxin hi prova fiha nnifisha li l-Istat ma kienx qieghed jagħmel biżżejjed sabiex jipproteġi lir-rikorrenti... L-Istat kien fid-dmir li jieħu l-passi li huma meħtieġa sabiex ir-rikorrenti tkun protetta minnu u ma tkomplix tgħix f'ħajja ta' biża u dwejjaq."*

31. Għalhekk ma tqisx illi din il-parti tal-aggravju huwa fondat.

*(ii) L-Allegat ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni:*

32. Permezz ta' dan it-tieni binarju fi ħdan l-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jaffermaw illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

33. Din il-Qorti tirribadixxi illi l-garanzija kontra t-tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti hija sagrosanta. L-obbligu assolut ta' Stat li jipproteġi kull individwu taħt il-ġurisidizzjoni tiegħu minn tali trattament huwa inkontestat. Fil-fatt fid-dritt internazzjonali dan huwa magħruf bħala *peremptory norm* jew *jus cogens,* u ċjoè norma internazzjonali illi ma tagħraf l-ebda deroga. *Inoltre* din il-projbizzjoni hija waħda mill-ftit illi joħolqu obbligazzjonijiet *erga omnes* għal kull Stat, u ċjoè obbligazzjoni li Stat għandu fil-konfront tal-komunità internazzjonali sħiħa.[2]

34. Kif indikat mill-Ewwel Qorti, għalkemm tradizzjonalment l-Artikolu 3 kien applikabbli f'kuntest fejn it-trattament jew il-piena kienu imposti mill-organi tal-istat jew minn xi awtorità pubblika, maż-żmien sar żvilupp importanti billi l-kriterji applikabbli għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 ġew estiżi sabiex japplikaw ukoll għall-protezzjoni taċ-ċittadini privati kontra trattament inuman u degradanti inflitt fuqhom minn ċittadini oħra. *Ormai* huwa wkoll stabbilit illi l-Artikolu 3 jsib applikazzjoni anke fil-kuntest ta' vjolenza domestika, inkluż dik psikoloġika, żvolta li ġiet bid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' ***Opuz v. Turkey*** deċiża nhar id-9 ta' Settembru 2009.

[2] Ara Prosecutor v. Anto Furundzija, ICTY Decision of December 1998, par. 151; I.C.J. Reports, 1970, Barcelona Traction, Light and Power Company, Limited (Belgium v. Spain) (1962–1970), Second Phase, Judgment, I.C.J Reports 1970.

35. Kif tajjeb rilevat mill-Ewwel Qorti għalkemm il-każ ta' ***Opuz*** kien jitratta vjolazzjoni tal-Artikolu 2, l-insenjamenti tal-Qorti f'dak il-każ ġew estiżi sabiex japplikaw ukoll għall-Artikolu 3 partikolarment fil-kuntest ta' vjolenza domestika. L-Ewwel Qorti osservat illi mill-insenjamenti tal-Qorti ta' Strasburgu, isegwi illi tlieta huma l-obbligazzjonijiet tal-Istat *ai termini* tal-Artikolu 3 u ċjoè:

(i) l-obbligazzjoni li jfassal u jimplementa qafas leġislattiv adegwat u effettiv li mhux biss joffri protezzjoni iżda wkoll iservi ta' deterrent kontra l-vjolenza domestika;

(ii) l-implementazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni immedjata u effettiva sabiex iħares l-inkolumità u l-integrità tal-vittma u tal-familjari tagħha;

(iii.) l-obbligu li titmexxa investigazzjoni effettiva kif ukoll titqiegħed fis-seħħ sistema ġudizzjarja daqstant ieħor effettiva sabiex tiġġieled u tipprevjeni l-vjolenza domestika. Fil-każ odjern, huma t-tieni u t-tielet obbligazzjoni li huma taħt skrutinju.

36. Kif affermat mill-appellata, huwa minnu illi l-intenzjoni jew il-premeditazzjoni mhumiex *sine qua non* għal vjolazzjoni taħt l-Artikolu 3

tal-Konvenzjoni u fil-fatt huma kriterji oħra li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni magħmula mill-ġudikant.

37. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti kollha, u bħall-Ewwel Qorti riskontrat vjolazzjoni tal-protezzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Mhuwiex jingħad illi l-Istat m'għamel xejn fil-każ odjern, u ta' dan huma prova l-atti tal-proċeduri, però jibqa' l-fatt illi kif diġà aċċennat, il-mankanzi li ssenjalat l-Ewwel Qorti huma lampanti. Huwa pależi illi l-forzi tal-ordni għadhom mhumiex konxji biżżejjed tal-kuntest fl-assjem tiegħu ta' dak li l-appellata kienet qiegħda taffaċċja u li dan in-nuqqas ta' sensittività anke jekk minima, setgħet possibbilment tpoġġi lill-istess appellata jew dawk l-aktar viċin tagħha f'riskju konsiderevoli. A skans ta' ripetizzjoni, filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi l-isforz li qiegħed isir mill-forzi tal-ordni, sabiex dejjem jingħata aktar taħriġ, każijiet bħal dak odjern, jixħtu dawl fuq il-fatt li l-Istat għadu mhux konformi mal-obbligazzjonijiet tiegħu f'din il-materja, nuqqasijiet li sfortunatament jistgħu jsarrfu fi traġedji.

38. Kif rilevat minn din il-Qorti kif diversament preseduta f'***Claire Pisani*** n-nuqqas ta' sistema ċentralizzata li tkun tikkontjeni l-informazzjoni kollha relattiva għall-aggressur u l-kondotta tiegħu fil-passat versu l-vittma u terzi, tipprekludi lill-uffiċjali tal-ordni milli jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni kompluta dwar il-partijiet,

informazzjoni li kieku tkun fil-pussess ta' dawn l-uffiċjali ċertament li sservi bħala għajnuna addizzjonali sabiex ikun hemm azzjoni tempestiva. Ma jistax ikun illi l-uffiċjali fid-distretti rispettivi ma jkunux mogħnija b'informazzjoni dwar jekk hemmx ordnijiet akkordati mill-qrati fil-konfront ta' aggressur u hija l-vittma li trid tipprovdi tali dokumentazzjoni kull darba li jsir rapport jew kwerela. Tali informazzjoni għandha tkun a dispożizzjoni ta' kull għassa.

39. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti jinsistu illi dak kollu li seta' jsir mill-awtoritajiet ikkonċernati sar, meta f'aktar minn okkażjoni waħda Caruana ma setax jinstab biex ikellmuh. Fil-fatt l-Ewwel Qorti korrettement osservat illi kien hemm żewġ okkażjonijiet biss fejn l-aggressur ġie arrestat u mressaq il-Qorti taħt arrest. Fil-fatt wara r-rapport tal-11 ta' Mejju 2020, l-aggressur ġie arrestat fit-18 ta' Mejju 2020 u ċjoè xejn anqas minn sebat ijiem wara li sar ir-rapport, meta kif tajjeb rilevat mill-Ewwel Qorti, tenut kont tal-istorja twila ta' inċidenti bejn l-appellata u Caruana, l-arrest tiegħu messu kien immedjat!

40. Bl-istess mod, kif diġà ribadit minn din il-Qorti f'okkażjoni oħra, il-fatt illi l-appellata ma setgħatx tirrikorri għall-uffiċċju ċentrali inkarigat mill-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati, ikompli jgħabbi lil vittma b'piżijiet inutili. Il-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati kommessi

m’għandhiex tinfirex b’mod spezzettat b’tali mod illi l-uffiċjali prosekuturi lanqas biss ikollhom konsapevolezza illi kollegi oħra qiegħdin imexxu każijiet oħra li jinvolvu l-istess vittma u aggressur. L-istess jingħad għal nuqqas ta’ *standard operating procedure* fir-rigward tal-investigazzjoni ta’ dawn il-każijiet, fejn kull uffiċjal huwa fil-libertà li jagħżel metodu li fid-dehen tiegħu huwa dak l-aktar adegwat. F’dan ir-rigward din il-Qorti tista’ tikkomprendi l-animu tal-appellata meta xehdet dwar kif kienet tħossha meta tmur tagħmel rapport u minflok kienet tara lilll-pulizija f’atteġġjament amikevoli mal-aggressur minflok ma hi ngħatat l-għajnuna u l-attenzjoni li s-sitwazzjoni tagħha kienet timmerita.

41. Il-Qorti tikkonċedi illi huwa l-Istat li għandu jgħarbel mekkaniżmi li talvolta huwa jqis illi huma l-aktar idoneji sabiex iwettaq l-obbligazzjonijiet reġjonali u internazzjoniali tiegħu, u x’rizorsi umani u/jew amministrattivi huma meħtieġa għal dan l-iskop, però din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax dawn il-lakuni serji, li kif korrettement indikat mill-Ewwel Qorti jissarfu fi ksur tal-obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat Malti taħt l-Artikolu 3.

42. Dawn in-nuqqasijiet fl-assjem tagħhom joħolqu ambjent ta’ rivittimazzjoni, fejn vittma trid tirrepeti dak kollu li tkun qiegħda jew qiegħed tgħix kull darba li tmur tagħmel rapport. Dawn l-osservazzjonijiet m’għandhomx jiġu interpretati bħala kritika kontra l-forzi tal-ordni, għaliex

din il-Qorti hija konsapevoli tan-nuqqasijiet amministrattivi u logistiċi biex tesewgi l-obbligi tagħha versu l-komunità, iżda kritika diretta lejn is-sistema li b'mod sistematiku qiegħda tfalli liċ-ċittadin. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Qorti. Huwa evidenti illi minkejja li l-qrati ordnaw kemm ordni ta' protezzjoni favur l-appellata u familtha, u anke ordni ta' trażżin kontra l-aggressur, sakemm ma Caruana ġie finalment arrestat, l-inċidenti baqgħu jseħħu.  Dan il-fatt ikompli jixħet dawl fuq il-fatt illi Caruana siker fuq din l-impunità b'dana illi huwa evidenti għall-aħħar illi huwa m'għandu l-ebda sens ta' rispett lejn l-awtorità kif fil-fatt tixhed is-sentenza tal-Maġistrat Lara Lanfranco esebita a fol 311 *et seq*, tal-atti ta' dan l-appell.

43. Għalhekk dan l-aspett fi ħdan l-ewwel aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

*(iii) L-Allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni:*

44. Permezz ta' din l-parti ta' dana l-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu illi lanqas ma kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Lanqas ma jifhmu kif l-Ewwel Qorti setgħet tirritjeni illi huma ċaħħdu lill-appellata mid-dritt ta' moviment.

45. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi huwa indiskuss li l-appellata u wliedha, sofrew u għadhom isofru a kawża ta' dak kollu li ġarrbu minħabba Caruana, u minħabba l-fatt illi dan l-aggressur baqa' jaġixxi b'ċertu impunità fil-konfront tagħhom u dan anke fid-dawl ta' ordni ta' trażżin maħruġ kontra tiegħu u ordni ta' protezzjoni favur l-appellata u wliedha, li suppost impedewh milli jkompli jiffastidja, jippersegwita u jkisser lill-appellata. Fil-fatt waqt il-pendenza tal-proċeduri in Prim Istanza, irriżulta illi l-appellata kellha tagħmel aktar rapporti bl-aħħar wieħed li kopja tiegħu tirriżulta fl-atti huwa dak tad-29 ta' Mejju 2022. Dan kollu jkompli jikkonferma l-ineffikaċità tas-sistema fil-kumplessità tagħha.

46. Il-Qorti tikkontendi illi n-nuqqasijiet tal-uffiċjali tal-ordni flimkien mal-mankanzi sistematiċi ġjà msemmija, kumulattivament jammontaw għall-ksur tal-obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat anke taħt l-Artikolu 8 li jassigura r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-appellata. F'dan ir-rigward hija ta' relevanza s-sentenza fl-ismijiet: ***Hajduova v Slovakia*** (2660/03) deċiża mill-Qorti Ewropea fit-30 ta' Novembru 2010, fejn ġie osservat:

> *"It is clear that A.'s repeated threats following his release from hospital, which constitute the basis of the applicant's complaint under Article 8 of the Convention, did not actually materialise into concrete acts of physical violence (compare and contrast the case of Bevacqua, cited above, in which the Court found that the State had breached its positive obligations under Article 8). Notwithstanding, the Court considers that given A.'s history of physical abuse and menacing behaviour towards the applicant, any threats made by him*

> *would arouse in the applicant a well-founded fear that they might be carried out. Rik. Kost. 69/17 11 This, in the Court's estimation, would be enough to affect her psychological integrity and well-being so as to give rise to an assessment as to compliance by the State with its positive obligations under Article 8 of the Convention".*

47. Wara li qieset il-provi kollha, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li għall-każ in eżami japplika wkoll l-insenjament ta' dik il-Qorti. Ir-rikorrenti spjegat b'mod dettaljat minn x'hiex għaddiet minnu u għadha għaddejja minnu u kif dan kollu effetwa l-ħajja ta' kuljum. Biżżejjed jingħad illi l-appellata flimkien ma' wliedha ħasset il-ħtieġa li tissakkar id-dar u dan b'detriment għall-*benessere* tagħha u wliedha, u tar-relazzjonijiet tagħhom ma' terzi. Il-biża' minn Caruana tant kienet waħda sostanzjali illi meta Caruana hedded lill-avukat difensur tal-appellata, l-appellata saħansitra waqfet tikkomunika mal-istess avukat, billi ma bdietx tgħidilha dak li kien qiegħed jiġri bil-ħsieb li tipproteġi lill-istess avukat minn dan it-theddid. Mix-xhieda ta' wlied l-appellata jirriżulta wkoll illi l-appellata kellha tirrikorri għall-mediċina biex tgħinha taffronta dak li kienet qiegħda ġġarrab, għaliex lanqas ma kienet qiegħda torqod. Il-Qorti rat ukoll kif anke l-professjonisti involuti kienu esprimew mal-pulizija li kienu nkwetati għas-sigurtà tal-appellata speċjalment wara li Caruana weġġa' serjament lill-*partner* tal-istess appellata, tant li kellhom huma stess jitolbu appuntament mal-Ispettur Ransely sabiex jingħataw aktar informazzjoni dwar l-istadju tal-investigazzjoni u l-proċeduri.

48. Ta' relevanza huwa wkoll il-fatt illi l-Pulizija kienu qegħdin jirċievu kull informazzjoni mingħand ir-rikorrenti personalment, mingħand l-Avukat tagħha u mingħand il-ħaddiema soċjali li segwew il-każ - informazzjoni li presumibbilment kellha għalxiex twassal għall-arrest b'aktar ħeffa tal-aggressur. Dan wassal biex ikompli jesponi lir-rikorrenti u lill-familjari tagħha għal aktar riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħha b'mod illi l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni hija waħda lampanti.

49. Mit-testimonjanzi tal-ħaddiema soċjali Colette Maskjevic, dik tal-Ispettur Sylvana Gafa' jirriżulta b'mod ċar li l-appellata batiet psikolgikament, u għadha ssofri l-konsegwenzi ta' dan kollu sal-ġurnata tal-lum. Meta din il-Qorti tqis dak kollu kkonsidrat, tagħraf illi s-sofferenza psikoloġika, u dik fiżika subita mill-appellata, flimkien mal-fatt illi wliedha kienu kollha esposti għal din l-istess vjolenza, kumulattivament jammontaw għall-ksur tal-obbligazzjonijiet pożittivi tal-Istat li jassigura r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha.

*It-Tieni Aggravju:*

50. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta llikwidat kumpens fl-ammont ta' tletin elf ewro

(€30,000) u kkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas tali kumpens. Jaffermaw illi dan huwa kumpens massiċċ speċjalment meta wieħed iqis l-azzjoni estensiva li ħa l-Istat fil-konfront tal-appellata. Fid-dawl ta' dan kollu, għalhekk mhuwiex ġust li l-istat jiġi kkundannat iħallas din is-somma.

51. Da parti tagħha, l-appellata tisħaq illi minħabba l-inadempjenza tal-istat illi josserva l-obbligi pożittivi tiegħu fil-konfront tagħha, l-aġir duratur tal-*ex*-sieħeb tagħha kien ta' detriment psikoloġiku konsiderevoli kemm għaliha u għall-familja tagħha. Għalhekk l-istat għandu jkun responsabbli għal dan il-kumpens u kif ukoll għall-ispejjeż tal-kawża.

52. L-Ewwel Qorti qieset is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Stabbilit illi r-rikorrenti ġarrbet leżjoni tad-drittijiet tagħha kif imħarsa ai termini tal-Artikoli 36 u 44 tal-Kostituzzjoni kif ukoll ai termini tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni, imiss issa illi l-Qorti tgħaddi sabiex tagħti lir-rikorrenti rimedju għal-leżjoni subita.*
>
> *F'dan il-każ il-leżjoni mġarrba setgħet potenzjalment issarfet fl-akbar traġedja. Il-piena psikoloġika li għaddiet minnha rrikorrenti hija waħda serjissima kkaratterizzata minn biża għassaħħa u s-sigurtà tagħha u tal-familja tagħha, biża li fi kliem irrikorrenti kissritha. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda takkorda b'kumpens is-somma ta' €30,000.*
>
> *Din is-somma għandha titħallas interament mill-Avukat tal-Istat qua rappreżentant tal-Istat għaliex anki jekk fil-prattika jidher illi n-nuqqasijiet twettqu mill-Pulizija eżekuttiva, dan in-nuqqas huwa dovut għal nuqqasijiet aktar serji da parti tal-Istat kif fuq ingħad.*
>
> *Ferm il-premess, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ebda likwidazzjoni ta' kumpens ma tista' qatt tkun bizzejjed biex tħares liċ-ċittadini minn episodji ta' vjolenza domestika. Huwa biss qasaf leġislattiv effettiv u*

> *b'saħħtu li jista' jissielet din ilbattalja u jservi sabiex jagħti l-protezzjoni u s-serħan il-moħħ li għandhom jirrenjaw bejn l-erba' ħitan tad-dar u fir-relazzjonijiet intimi."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

53. Din il-Qorti tabbraċċja pjenament il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti f'dana ir-rigward, u tafferma illi l-leżjonijiet riskontrati jimmeritaw illi jiġi likwidat kumpens. Magħdud dan però, din il-Qorti tqis illi l-kumpens stabbilit mill-Ewwel Qorti huwa wieħed esaġerat.

54. Il-Qorti wara li kkunsidrat *inter alia*, iż-żmien relattiv għall-ksur subit, is-severità u l-persistenza tat-tbatija sofferta, l-effetti psikoloġiċi u duraturi subiti mill-appellata u wliedha, l-azzjoni li ttieħdet mill-uffiċjali tal-ordni, in-nuqqasijiet riskontrati fis-sistema li tirregola l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati relatati ma' vjolenza domestika, l-imġieba tal-appellata versu l-aggressur tagħha u l-periklu li l-appellata u wliedha setgħu possibbilment sabu ruħhom fihom a kawża ta' dawn il-mankanzi, sejra tordna illi l-kumpens għandu jkun fl-ammont ta' **<u>€10,000.</u>**

55. Il-Qorti, filwaqt illi żżomm ferma mal-osservazzjonijiet magħmula minnha sopra, tissottolinea illi t-tnaqqis fil-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti mhuwiex u m'għandux jiġi interpretat bħala xi forma ta' ġudizzju

rigward il-gravità *o meno* tal-vjolenza perpetrata fuq l-appellata iżda kumpens għan-nuqqasijiet fis-sistema.

56. Għaldaqstant, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula sopra, din il-Qorti sejra limitatament tilqa' dana l-aggravju kif indikat.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa l-appell b'mod limitat, u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu tillikwida kumpens ta' għaxart elef ewro (€10,000) flok il-kumpens fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) oriġinarjament likwidat mill-Ewwel Qorti. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu erbgħa minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) mill-Avukat tal-Istat u wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$ ) mill-appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da